## 25 ta' Frar, 1956

## Imħallef:

## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Spiridione Muscat *versus* Antonio Azzopardi *

### Appell — Kontumaċja

*Il-kontumaċja quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad hija ġustifikata jekk tkun dovuta għal żball invinċibbli tal-konvenut u għal diffikultà gravi li ma ħallietux jidher għall-kapitolu.*

*Il-fatt li l-konvenut, meta rċieva l-avviż, mar iqabbad avukat biex jiddefendieh, u dan qallu li kellu jikkontesta l-kawża u mbgħad*

* Deċiża fil-meritu b'sentenza tal-14 ta' April 1956 — Appell Inferjuri (publikata).

*jiktiblu għal meta tkun ġiet differita l-kawża, u ntant, minħabba xi malintiż, l-avukat baqa' ma kitiblux mentri hu baqa' dejjem bl-assikurazzjoni li kellu jirċievi l-ittra tal-avukat, u għalhekk baqa' ma deherx meta ġew preżentati kontra tiegħu l-kapitoli, jikkostitwixxi żball invinċibbli li jiġġustifika l-kontumaċja tal-konvenut, u jintitolah għar-restituzzjoni "in integrum" kontra l-effetti tal-kontumaċja.*

Il-Qorti; — Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex ineħħi l-meter tal-ilma, li hu abużivament qala' minn fejn kien, u biex jerġa' jpoġġieh fil-post li kien fid-dar no. 44 St. Vennera Street, Msida, meta dan ġie mikri lilu, u in difett biex l-attur jiġi awtorizzat jagħmel dan ix-xogħol huwa a spejjeż tiegħu f'ammont li ma jeċċedix il-kompetenza ta' din il-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi 3s. tal-ittra, u bid-dehra għas-subizzjoni. Salvi drittijiet oħra għad-danni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Jannar 1956, li biha ddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-attur, u kkundannat il-konvenut li fi żmien għoxrin ġurnata huwa jerġa' jpoġġi l-meter in kwistjoni fil-post li kien qabel, u, in difett li jagħmel dan fiż-żmien fuq imsemmi, awtorizzat lill-attur li jagħmel ix-xogħol huwa a spejjeż tal-konvenut f'ammont li ma jeċċedix il-kompetenza ta' dina l-Qorti, u kkundannat lil-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenut kien baqa' kontumaċi għall-kapitoli lilu deferiti, li għalhekk ġew ritenuti, skond il-liġi, konfessati;

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenut appella lil din il-Qorti mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li t-talba ta' l-attur tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Fuq l-inċident tal-kontumaċja;

Ikkunsidrat;

Il-konvenut, meta rċieva l-avviż, kellem l-Avukat Dr Debono. Dan affida l-prattika lill-Prokuratur Legali Privitera. Wara li l-kawża ġiet kontestata, kif soltu jsir fil-proċe-

Qorti tal-Qrati Inferjuri, ġiet differita għat-trattazzjoni. Dr Debono qal lill-konvenut, li kien intant mar biex ikellmu fuq il-kawża wara l-ewwel differiment, li jiktiblu biex jinfurmah il-kawża għal meta kienet differita. Soltu l-P.L. Privitera kien isegwi dan l-użu, li ċjoè jikteb lill-klijent; u għalhekk Dr Debono qal hekk lill-konvenut. "Accidit" li l-Prokuratur Legali Privitera ma baqgħax b'dak l-użu, u ma kitebx lill-konvenut. Dan kien dejjem qiegħed jistenna l-ittra tad-difensur. Reġgħet ġiet il-kawża għat-trattazzjoni, ġie deferit il-kapitolu, u fil-kontumaċja tal-konvenut ġiet preżunta konfessata l-materja kapitolata, u ngħatat sentenza favur l-attur;

Issa, il-konvenut kien ġustifikat joqgħod fuq l-assikurazzjoni ta' l-avukat tiegħu li jiktiblu dwar il-ġurnata tal-kawża. Jekk, bi żball jew malintiż tad-difensuri, ma ġietx lilu mibgħuta ebda ittra, dan kien għalieh żball mhux vinċibbli. Veru hu li l-P.L. Privitera ma kienx qal lill-konvenut li sejjer jiktiblu, imma kien qallu biex imur jarah l-għada tal-ġurnata li fiha ġiet kontestata l-kawża; iżda l-konvenut, kif inhu kapibbli f'każi simili, minflok mar ikellem lill-P.L. Privitera, mar ikellem lill-konsulent legali tiegħu ordinarju, Dr Debono, u dan allura qallu li kienu sejrin jiktbulu;

Il-Qorti, wara li kkunsidrat l-istat tal-ġurisprudenza, kif eżaminata fis-sentenza tagħha "Cassar vs. Vassallo", 29 ta' Mejju, 1937, (Vol. XXIX-I-1581), ġiet għall-konklużjoni li l-iżball tal-konvenut ma kienx fiċ-ċirkustanzi tal-każ vinċibbli, u ċert kien hemm dik id-diffikultà gravi msemmija wkoll fil-ġurisprudenza li hu jidher għall-kapitolu (ara wkoll in pari materja, App. Inferjuri "Baldacchino vs. Calleja", 2 ta' Frar 1900; "Borg vs. Debono" 9 ta' April, 1900; u "Preca vs. White" 4 ta' Diċembru, 1931);

Għalhekk hu l-każ li l-konvenut jiġi restitwit "in integrum" kontra l-effetti tal-kontumaċja, li hi ġustifikata;

Tiddeċidi, għalhekk, billi tiddikjara ġustifikata l-kontumaċja, u tirrestitwixxi l-konvenut "in integrum" kontra l-effetti tagħha in prima istanza. L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-meritu;

Il-kawża tibqa' rinvijata għat-trattazzjoni tal-meritu għas-17 ta' Marzu, 1956;

Il-konvenut għandu, żmien sitt ijiem mil-lum, jippreżenta nota, munita bil-"visto" tal-kontro-parti, li fiha jispeċifika l-kontestazzjoni tiegħu għat-talba.